



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2011/2094(INI)**

23.8.2011

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tal-UE  
(2011/2094(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marian-Jean Marinescu

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jappoġġja lill-Kummissjoni fil-politika tagħha ta' kontroll tal-antitrust u tal-amalgamazzjonijiet, li t-tnejn huma elementi importanti sabiex is-suq jiġi rregolat favur il-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumatur;
2. Iqis li hemm bżonn li tissaħħaħ it-trasparenza tan-nefqa u tal-ispejjeż kollha fis-settur tat-trasport bħala kondizzjoni minn qabel għall-evalwazzjoni tal-eliġibbiltà għall-appoġġ statali, inklużi s-servizzi reġjonali, u jtenni, għaldaqstant, l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tippubblika rapport b'ħarsa ġenerali tal-għajnuniet statali kollha li tingħata lis-settur tat-trasport pubbliku;
3. Jikkondividi l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-UE għad ma għandhiex netwerk ta' infrastrutturi transkonfini konnessi, interoperabbli u effiċjenti biżżejjed, liema netwerk huwa indispensabbli għat-tkomplija tas-suq intern;
4. Jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu sabiex iż-Żona ferrovjarja unika Ewropea ssir realtà, fejn l-aċċess mhux diskriminatorju għan-netwerk tal-ferrovija huwa kruċjali; jistieden lill-Istati Membri sabiex iħaffu l-liberalizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-ferrovija u sabiex jiggarantixxu kompetizzjoni ġusta;
5. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza ta' fornituri tas-servizzi relatati mas-settur ferrovjarju minn impriżi ferrovjarji;
6. Ifakkar li l-Kummissjoni nediet numru ta' proċeduri ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma jimplimentawx kif suppost l-Ewwel Pakkett Ferrovjarju, jisħaq dwar il-ħtieġa ta' korp regolatorju b'saħħtu u indipendenti sabiex jissalvagwardja is-suq ferrovjarju;
7. Jisħaq li, minħabba l-livell ta' dejn li għandhom kumpaniji fis-settur ferrovjarju fl-Istati l-Membri l-ġodda, il-maħfra tad-dejn għandha tkompli tiġi awtorizzata taħt ċerti kondizzjonijiet u partikularment jekk il-maħfra tad-dejn tgħin biex twitti t-triq għal suq ferrovjarju miftuħ;
8. Iħares 'il quddiem għar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar it-Trasport bl-Ajru tal-2005; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina bir-reqqa d-dispożizzjonijiet għall-evalwazzjoni tal-għajnuna soċjali u għar-ristrutturar għal-linji tal-ajru sabiex jiġi ċċarat dwar jekk dawn għadhomx jistgħu jipprovdu opportunitajiet indaqs għat-trasportaturi tal-ajru fil-kondizzjonijiet attwali tas-suq, jew jekk jeħtiġux reviżjoni;
9. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-appoġġ statali mogħti lit-trasportaturi tal-ajru "low-cost" u tiżgura allokazzjoni ġusta u effettiva tal-iskeda;
10. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwejjaq l-Ajru Uniku Ewropew, li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni li tiggarantixxi t-trasparenza fis-servizz tal-iffissar tal-prezzijiet;

11. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li d-drittijiet tal-passigieri issa ġew irregolati għas-setturi kollha tat-trasport u jilqa' partikularment l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippubblika ħarsa ġenerali komprensiva tad-drittijiet tal-passigieri għall-modi kollha tat-trasport; jirrakomanda lill-Kummissjoni tippubblika wkoll manwal/gwida għall-passiġġieri, sabiex jiġi distribwit b' mod wiesa' għall-informazzjoni tal-passiġġieri;
12. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi standards li jgħinu jsaħħu aktar id-drittijiet tat-turisti u l-kompetittività tal-industrija Ewropea tat-turiżmu, u jtenni f'dan il-kuntest l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja l-armonizzazzjoni tas-sistema tal-klassifikazzjoni tal-akkomodazzjoni Ewropea;
13. Iħares 'il quddiem għar-riżultati tal-istudji tal-Kummissjoni u tal-Parlament dwar l-iffinanzjar tal-istrutturi tal-portijiet, li għandhom jippermettu liż-żewġ istituzzjonijiet sabiex jevalwaw jekk ir-regoli attwali humiex applikati b' mod koerenti jew jekk għandhomx jiġu ddefiniti mill-ġdid fil-qafas ta' linji gwida speċifiċi possibbli;
14. Jistieden lill-Istati Membri sabiex iħaffu l-implimentazzjoni tat-3 Direttiva Postali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex teżamina bl-attenzjoni xierqa l-kumpens għas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI) f'dan il-qasam;